MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Numru 1428/2011

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)

vs

Ronald Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 131081M akkuzat talli :

- Fil-21 ta’ Dicembru 2007 f’xi hin fil-ghaxija, gewwa Andreas Bar li jinstab f’telghet Rahal Gdid, Rahal Gdid u f’dawn il-Gzejjer, ikommetta serq ta’ flus kontanti u telefon cellulari tal-ghamla Nokia liema serq huwa kwalifikat bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (232.94 euros) izda ma

jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euros u seba w tletin centenzmu (2329.37euros) liema serq sar ghad-detriment ta’ Ausonia Buhagiar minn Hal-Qormi u Cynthia Spiteri mix-Xghajra;

- Sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jisghtux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49,50 u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni insista anka wara l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ir-reat li bih l-imputat hu akkuzat imur lura ghas-sena 2007.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata.

Issibu hati.

Rat is-sentenza esebita.

Billi m’hemmx impediment bil-Ligi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Tiddikjarah hati u tilliberah ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------